**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 25 ta' April, 2018

Rikors Guramentat numru : 209/16 AL

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

**A. DIKJARAZZJONI TAL-FATTI**

Illi l-attrici kellha relazzjoni ma' C D u minn din ir-relazzjoni twieldu zewgt itfal, F D li ghandha sitt (6) snin u G D li ghandu erba` (4) snin;

Illi C D huwa rikonoxxut bhala missier il-minuri F D u G D hekk kif jidher mic-Certifikati tat-Twelid esebiti fl-atti tal-medjazzjoni [Medjazzjoni Numru 980/16/CM];

Illi din il-medjazzjoni inftehet mill-attrici fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju tas-sena 2016, fejn kien hemm seduta wahda biss fis-sebgha (7) ta' Settembru 2016, u tali medjazzjoni inghalqet minghajr success minhabba nuqqas ta' koperazzjoni min-naha tal-konvenut li ghamilha totalment impossibli illi jintlahaq xi tip ta' ftehim bejn il-partijiet rigward il-minuri F D u G D;

Illi l-attrici kienet awtorizzata tipprocedi b'din l-istanza permezz tad-Digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat hmistax (15) ta' Settembru tas-sena 2016, u illi jgib in-numru 2304/16 illi kopja tieghu qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala **Dok. A.**;

Illi minn qabel ma thassret ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet u kif ukoll wara, il-konvenut kien jezercita vjolenza domestika fuq l-attrici b'hafna swat, dagha, tghajjir u ghajjat hekk kif juri c-certifikat mediku anness mar-rikors li gie prezentat mill-attrici b'urgenza fl-atti tal-medjazzjoni, rikors illi ghalkemm il-konvenut gie innotifikat bih baqa ma wegibx;

Illi l-konvenut huwa bniedem irresponsabbli u mhux ta' min jafdah, tant hu hekk illi minghajr il-kunsens ta' l-attrici hu kien hataf lil F D kontra l-volonta` taghha f'jum l-ewwel tqarbina minn fuq iz-zuntier tal-knisja parokkjali ta' San Guzepp gewwa l-Kalkara, telaq biha u refa` jdejh fuq l-attrici meta din ta' l-ahhar marret biex tigbor lil bintha;

Illi mhux l-ewwel darba illi l-konvenut arbitrarjament, abbuzivament u illegalment zamm lill-minuri G D ghal jiem shah minghajr il-kunsens ta' l-attrici u din ta' l-ahhar kienet imcahhda sahansitra illi tara lill-binha ghaliex ma thallitx mill-konvenut;

Illi din il-pika da parti tal-konvenut qedgha tkun ta' detriment ghal-gid tal-minuri illi qedghin ibghatu intortament minhabba l-agir irresponsabbli ta' missierhom tant li meta jkunu fil-presenza tieghu jkunu f'periklu car u imminenti;

Illi kull meta l-minuri jkunu fil-vettura tal-konvenut, dan ma jlibbisshomx *seatbelt*;

Illi l-attrici kienet konstretta taghmel numru ta' rapporti kontra l-konvenut, principarjament gewwa l-Ghassa ta' Bormla minhabba theddid u *stalking* min-naha tieghu u s-seduti rigward dawn ir-rapporti qedghin jigu appuntati ghas-smiegh fix-xhur li gejjin;

Illi l-konvenut qieghed juri pika kbira fejn ikun hemm bzonn il-firma tieghu bhala missier, bhal per ezempju ghal hrug tal-passaporti tal-minuri u biex jinkitbu l-iskola;

Illi tali atteggament min-naha tal-konvenut qieghed jirrizulta f'instabbilita` f'ulied il-partijiet li jinsabu fi stat ta' konfuzjoni psikologika;

Illi ghalkemm l-attrici ghandha taghrif illi l-konvenut ikollu diversi nisa, hu jinsissti maghha illi jaghti l-firma tieghu biss f'cirkustanzi li, per ezempju, jekk il-bzonn tal-firma tieghu jkun jirrigwarda safra mill-attrici u ulied il-partijiet, is-safra jaghmluha flimkien hi u hu ma' uliedhom u mhux hi u uliedhom biss;

Illi l-konvenut hu ossessjonat illi jrid jirrikoncilja ma' l-attrici u ma jistax jaccetta illi hi tixtieq tibni hajja gdida u lanqas qieghed ihalliha taghmel dan;

Illi minkejja dan, il-konvenut jirreferi ghal-attrici fil-prezenza tal-minuri b'mod oxxen u jindirizzha b'aggettivi vulgari;

Illi l-konvenut ilu ma jaghti manteniment lill-attrici ghaz-zewg ulied minuri minn April tas-sena 2016;

Illi l-konvenut ghandu odju lejn il-familjari ta' l-attrici b'mod specjali lejn ohtha Amanda Cassar u zewgha Daniel Cassar, u dan l-oddju huwa ibbazzat fuq il-fatt illi huma jipprotegu lill-attrici mill-abbuzzi tieghu u jaraw illi kemm hi u kemm iz-zewg minuri jkunu protetti u f'ambjent sigur;

Illi l-attrici tinsab ferm ippreokupata b'din is-sitwazzjoni, u dan minhabba l-karattru aggressiv tal-konvenut, u ghalhekk in vista tac-cirkustanzi fuq premessi, jidher illi jkun fl-ahjar interess taz-

zewg minuri F D u G D illi ma jigux esposti izjed ghal tali atteggamenti tal-konvenut u li f'kull kaz, l-access tal-konvenut isir fil-presenza ta' ommu Mary D;

Illi minkejja t-tentattivi min-naha ta' l-attrici sabiex tilhaq ftehim bonarju skond it-talbiet indikati f'dan ir-rikors guramentat rigward il-minuri F D u G D, il-konvenut ma kkoperax u minhabba f'hekk kellha ssir din il-kawza;

Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma kollha a diretta konoxxenza ta' l-attrici.

## B. RAGUNI GHAT-TALBIET F'DAWN IL-PROCEDURI

Ghalhekk l-attrici qedgha taghmel din il-kawza sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirregolarizza l-kwistjonijiet rigward il-minuri F D u G D skond it-talbiet indikati f'dan ir-rikors guramentat u taghmel dawk ir-rakkomandazzjonijiet kollha illi jidhrilha xierqa fl-ahjar interess taz-zewg minuri.

Talbet in vista ta' dak kollu premess li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Takkorda l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri F D u G D esklussivament f'idejn l-attrici;
2. Tiffissa l-access tal-konvenut ghal nhar ta' Tlieta u Hamis mill-5pm sas-7pm bi *sleepover* gimgha mill-Gimgha fis-7pm ghas-Sibt fis-7pm u l-gimgha ta' wara mis-Sibt fis-7pm ghal-Hadd fis-7pm b'mod alternattiv minn gimgha ghal gimgha;
3. Minghajr pregudizzju ghal-premess, in vista tal-karattru irresponsabbli u aggressiv tal-konvenut tordna illi tali access isir fil-presenza anke ta' omm il-konvenut Mary D;
4. Minghajr pregudizzju ghal-premess, tordna lill-konvenut biex javza lill-attrici dwar xi tibdil fl-access tieghu erba` u ghoxrin (24) siegha qabel, eskluz f'kazijiet ta' emergenza;
5. Tordna illi z-zewg minuri jingabru u jittiehdu lura fir-esidenza tal-genituri ta' l-attrici fejn prezentement tabita hi fl-inidirizz App Indipendenza Blk1, Ent8 Fl2, Triq l-

Ghassieli, Kalkara jew f'indirizz iehor moghti minnha lill-konvenut;

6. Tordna illi rigward passaporti, iz-zewg minuri ghandhom ikollhom passaporti separati ghalihom, u l-attrici wahidha u minghajr il-htiega tal-kunsens tal-konvenut tista tapplika u tottjeni l-hrug ta' passaporti separati ghaz-zewg minuri kif ukoll iggedded il-passaporti taghhom, u tali passaporti jinzammu ghandha;
7. Tiffissa retta alimentari xierqa pagabbli mill-konvenut favur l-attrici bhala manteniment ghaz-zewg minuri li tithallas kull xahar bil-quddiem;
8. Tordna lill-konvenut jiddepozita tali flus fil-kont HSBC bankarju ta' l-attrici bin-numru MT HBMT 040089054001;
9. Tiddikjara illi l-attrici tkun esklussivament intitolata li tircievi c-*children's allowance* jew kwalunkwe beneficcju socjali pagabbli lill-kap tal-familja rigward iz-zewg minuri;
10. Tordna illi l-manteniment jieqaf malli z-zewg minuri jaghlqu it-tmintax-il sena, jew f'dik id-data li jibdew jahdmu fuq bazi *full time*, skond liema data tigi l-ewwel. u tali manteniment jizdied awtomatikament kull sena skond l-indici ta' l-gholi tal-hajja u jibqa sa' l-eta ta' tlieta u ghoxrin (23) sena jekk ikunu f'istituzzjoni ta' taghlim;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat illi l-konvenut, minkejja li ġie debitament notifikat[1], naqas illi jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu, u għalhekk huwa kontumaċi;

Rat l-affidavit tal-attriċi[2] u tax-xhieda minnha prodotti, fosthom ta' ħutha Amanda Cassar[3] u Fiona B[4], tal-ġenituri tagħha Julia

[1] Fl-10 ta' Novembru 2016, riferta fol. 16
[2] Fol. 19
[3] Fol. 22
[4] Fol. 24

B[5] u Judas Thaddew B[6], ta' Daniel Cassar[7] u ta' Tara Gayle Mifsud[8] ;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti proċesswali kollha fosthom ċertifikat mediku redatt minn Dr. Jennifer Sultana miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana, iddatat il-5 ta' Ġunju 2016, li jelenka numru ta' feriti fuq il-persuna tal-attriċi[9]; traskrizzjoni ta' messaġġi mibgħuta mill-konvenut lill-attriċi[10] messaġġi mimlija kliem oxxen, vulgari u saħansitra theddid, serje ta' rapporti li għamlet l-attriċi mal-Pulizija, mhux inqas minn disa' rapporti bejn Mejju 2016 u Lulju 2016, ilkoll rapporti ta' vjolenza fuq il-persuna tal-attriċi, fastidju, theddid u *stalking*[11] u rapport ieħor iddatat il-5 ta' Marzu 2017[12] meta l-intimat kien marbut b'obbligazzjoni personali li ma jagħtix fastidju lill-attriċi; tliet sentenzi[13] tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali iddatati l-20 t'Ottubru 2016 u 7 ta' Diċembru 2016, fejn l-intimat instab ħati ta' diversi akkuzi ta' theddid, insulti, feriti ħfief fil-konfront ta' A B u ngħata sentenza ta' tliet xhur priġunerija sospiżi għal sena, ammenda ta' Mitt Ewro (€100) u garanzija personali ta' elfejn Ewro (€2000) għal sentejn.

Rat il-verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Greta Mifsud Agius u d-dokumenti quddiemha esebiti;

Rat illi l-kawża ġiet differita għal-lum sabiex tingħata s-sentenza, b'dana illi l-partijiet ingħataw il-fakolta` li jippreżentaw in-noti ta' sottomissjonijiet finali tagħhom;

---

[5] Fol. 25
[6] Fol. 27
[7] Fol. 29
[8] Fol. 101
[9] Fol. 45
[10] Fol. 46 et seq. u fol. 85 et seq;
[11] Fol 54. et. seq
[12] Fol. 106
[13] Fol. 91, fol. 102 u fol. 104

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali ippreżentata mill-abbli difensur tal-attriċi[14];

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża fejn ir-rikorrenti qiegħda titlob li tiġi fdata esklussivament bil-kura u l-kustodja t'ulied il-partijiet ossia il-minuri F u G aħwa D, imwieldin fis-27 t'Ottubru 2009[15] u fit-23 ta' Marzu 2012[16] rispettivament, u rikonoxxuti mill-intimat. Hija titlob ukoll li l-intimat iħallasha manteniment għall-minuri.

Il-fatti tal-kawża, fil-qosor huma s-segwenti:

1. Il-partijiet kellhom relazzjoni intima li minnha twieldet il-minuri F D u sussegwentement il-minuri G D. Il-partijiet qatt ma żżewġu flimkien, anzi r-relazzjoni tagħhom sfaxxat fix-xejn;

2. Illi l-konvenut kien aggressiv u vjolenti diversi drabi fil-konfront tal-attriċi, bi swat, theddid, feriti ħfief u *stalking* u dwar dan hemm esebiti diversi rapporti tal-Pulizija, ċertifikat mediku, u anke s-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati, kif diġa ntqal.

3. Illi l-intimat huwa persuna aggressiva, maħkum mill-vizzju tad-droga u anke għamel xi żmien jirrisjedi fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin u filfatt xi atti mill-kawża ġew lilu nnotifikati hemmhekk;

4. Illi l-interess tiegħu fil-minuri jvarja skont il-burdati tiegħu fejn ġieli kellu ħafna nteress u żamm lill-minuri għandu għal jiem, kontra l-volonta` tal-attriċi, u ġieli dan l-istess interess jisfaxxa fix-xejn u ma jkunx irid jarahom u

[14] Ippreżentata fl-20 ta' Novembru 2017, fol. 111

[15] Ċertifikat tat-twelid ta' Sarah esebit fol. 8 tal-proċess;

[16] Ċertifikat tat-twelid ta' Jake esebit fol. 9 tal-proċess

saħansitra jallega illi dawn m'humiex uliedu u li sejjer ineħħihom minn fuq ismu;

5. Illi l-minuri ġew assoġġettati għal argumenti verbali u anke fiżiċi bejn il-partijiet, jew bejn il-konvenut u ommu. Il-minuri F sfat "maħtufa" minn missierha fil-jum tal-Ewwel Tqarbina tagħha biex b'hekk ma setgħetx tmur għall-festin tagħha stess ippreparat għaliha min-nanniet materni u lanqas għall-purċissjoni ta' Corpus Christi;

6. Il-konvenut ilu ma jħallas manteniment għal uliedu minn April 2016;

PRINĊIPJI LEGALI

Illi huwa ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri.

Fil-kawża Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli[17] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment*;"

Illi fil-kawża fl-ismijiet Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless[18], il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze*

[17] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP
[18] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858;

*del caso – sotto quei provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Illi ngħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet John Cutajar vs. Amelia Cutajar et [19] u Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna[20] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."*

Il-Qorti għaldaqstant għandha s-setgħa illi jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-konjuġi bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili[21].

Il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula: "***Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi."*** L-artikolu 3B tal-istess Kodiċi jistipula illi: "***Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija ta' l-istess. L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess: kull wieħed skond il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kodiċi, u l-bżonnijiet ta' l-istess minuri.

---

[19] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956;

[20] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP)

[21] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kif jaf kulħadd, meta l-Qorti tiġi biex tistabbilixxi manteniment, m'hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Iżda fl-artikolu 20 ta' l-istess Kapitolu insibu kif jitqies il-manteniment. Dan l-artikolu jaqra hekk:

***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.***

***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust.***

APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN

Dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri F u G

Il-Qorti tikkunsidra illi l-minuri, mit-twelid, dejjem ġew ikkurati minn ommhom, l-attriċi. Ir-responsabilita` għall-għixien u t-trobbija tagħhom dejjem waqgħu fuqha bis-sapport u l-għajnuna

tal-ġenituri tagħha. Illi l-konvenut xellef dufrejh mal-liġi diversi drabi u għalhekk kien u/jew għadu miżmum fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin. Dana ċertament ma ffaċilitax il-ħolqien ta' rabta stabbli bejn il-minuri u missierhom. Illi l-konvenut, oltre li huwa min-natura tiegħu persuna vjolenti, huwa dipendenti fuq is-sustanzi lleċiti. Illi l-aġir tiegħu xejn ma huwa eżemplari, anzi huwa deplorabbli, u l-minuri jieħdu eżempju ħażin mingħandu bħal meta l-minuri G jirrepeti l-kliem oxxen ta' missieru jew jhedded lil oħtu. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti, jkun ferm aħjar għall-minuri li jibqgħu jitrabbew unikament minn ommhom li għandha tkun fdata bil-kura u l-kustodja esklussiva tagħhom, b'aċċess minimu versu l-missier. Dana huwa wieħed minn dawk il-ftit każi eċċezzjonali fejn il-Qorti b'dispjaċir tinnota illi jkun aħjar għall-minuri li jkunu inqas f'kuntatt ma' missierhom, u jitrabbew unikament minn ommhom, in vista li preżentement il-kontribut tal-missier f'ħajjithom mhuwiex wieħed pożittiv.

<u>Dwar l-aċċess tal-missier</u>

Il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tal-attriċi illi l-konvenut m'huwiex affidabbli biżżejjed li jista' jkollu l-kura tal-minuri, anke jekk għal ftit sigħat, waħdu u mingħajr assistenza. Il-Qorti pero`ma taqbilx mas-suġġeriment tal-attriċi illi l-aċċess isir fil-preżenza taz-zija Tammy D. Wisq inqas ma tista' takkolji *sleepover* kull ġimgħa favur il-konvenut, kif titlob l-attriċi fit-tieni talba tagħha. *Sleepover* mal-missier ikun ta' periklu u ta' detriment għall-minuri u anke jekk din hija t-talba tal-omm, mhux opposta mill-missier, il-Qorti sejra tuża d-diskrezzjoni tagħha sabiex fl-aħjar interess tal-minuri ma takkoljix l-istess talba. Il-Qorti ma tifhimx il-motiv wara l-istess talba tal-attriċi, li l-minuri jiġu esposti għal erbgħa u għoxrin siegħa, fi kliemha, għall-"karattru irresponsabbli u aggressiv tal-konvenut", u ma tistax ma tqisx l-istess talba bħala waħda li tmur kontra l-interess tal-minuri.

Il-missier, permezz tal-preżenti, qiegħed jiġi akkordat aċċess ta' darba fil-ġimgħa ta' sagħtejn, liema aċċess isir taħt is-superviżjoni tal-Ħaddiema Soċjali / Supervisors fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ, u li għalhekk isir skont l-eżiġenzi tal-istess

Aġenzija b'konsiderazzjoni wkoll tal-attivitajiet tal-minuri. L-aċċess taħt superviżjoni jista' jiġi eżerċitat barra mill-bini tal-Aġenzija Appoġġ.

L-attriċi tallega li hemm ordni tal-Qorti jew obbligazzjoni li l-konvenut ma jkellimx lil ommu Mary D u ma jersaqx lejn id-dar tagħha. Il-Qorti tirrileva illi n-nanna paterna tħobb lill-minuri u taġixxi tajjeb fil-konfront tagħhom, minkejja l-kunflitti ma' binha ossia missierhom. Għalhekk il-Qorti hija tal-fehma li l-minuri ma jaqtgħux il-kuntatt magħha. Għaldaqstant, permezz tal-preżenti, il-Qorti qiegħda takkorda aċċess tal-minuri favur in-nanna paterna Mary D kull nhar ta' Ħamis bejn il-ħamsa ta' filgħaxija (5.00pm) u s-sebgħa ta' filgħaxija (7.00pm). Illi jekk is-sinjura Mary D, għar-raġunijiet tagħha, m'għandhiex interess illi teżerċita l-istess aċċess, hija għandha tinforma lill-Qorti b'dan permezz ta' nota, sabiex l-istess aċċess jiġi revokat. Għal dan il-għan, il-Qorti qiegħda tordna lill-attriċi sabiex, a spejjeż provviżorji tagħha, titlob in-notifika ta' din is-sentenza lis-Sinjura Mary D fl-indirizz tagħha 2, Kwartieri San Nikola, Bormla, jew indirizz ieħor ulterjuri.

Illi l-Aġenzija Appoġġ għandha tinforma lill-Qorti jekk il-konvenut ma jeżerċitax l-aċċess hawnhekk akkordat, jew iġib ruħu ħażin u/jew jitkellem b'mod mhux xieraq matul l-aċċess, bir-riskju ta' iktar influwenza negattiva fuq il-minuri, sabiex il-Qorti tagħti provvedimenti ulterjuri.

Min-naħa l-oħra, il-Qorti tkun tista' tvarja l-ordni tagħha sija dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri u wkoll dwar l-aċċess tal-missier, jekk il-konvenut iġib il-prova li rriforma ħajtu u dana qabel ma jkun tard wisq biex jibni relazzjoni stabbli m'uliedu.

Dwar il-manteniment dovut għall-minuri

Dwar il-manteniment, il-Qorti dejjem irritjeniet li l-obbligu għall-manteniment tal-ulied m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-

impjieg jew mal-introjtu tal-ġenituri iżda huwa obbligu assolut. Dana jfisser li kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-mezzi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista' qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabilita` tagħhom fuq il-ġenitur l-ieħor jew inkella fuq l-istat.

Fil-każ odjern, ma nġiebet ebda prova dwar l-introjtu tal-partijiet u lanqas dwar il-ħtiġijiet mensili tal-minuri. L-attriċi tallega illi l-konvenut huwa għażżien u ma jridx jaħdem, u li kien informaha li ser jibda jaqla' l-flus billi jittraffika d-droga. Illi inoltre, il-konvenut qiegħed jiskonta pieni l-ħabs u l-Qorti ma tarax wisq prospetti ta' impjieg li jħalli qligħ għoli meta joħroġ mill-Faċilita` Korrettiva. L-attriċi min-naħa tagħha hija pustiera u riċentement bdiet kors part-time fl-Universita` ta' Malta.

Il-Qorti ma tistax tibgħat il-messaġġ li jekk tkun dieħel u ħiereġ il-ħabs, tista' ma tmantnix lil uliedek. Pero` lanqas il-Qorti ma tixtieq tistabilixxi xi manteniment għoli wisq, li permezz tiegħu il-konvenut iħossu "kostrett" li jirreferi għall-attivita` illeċita bħat-traffikar tad-drogi u b'hekk ikun ta' dannu għas-soċjeta`. Tifhem li preżentement il-mezzi tiegħu huma limitati.

Fiċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ, il-Qorti qiegħda tistabilixxi manteniment fis-somma ta' sittin Ewro (€60) fix-xahar għal kull wieħed mill-minuri, pagabbli mill-konvenut lill-attriċi, li jitħallsu b'effett mid-data tal-preżentata tal-kawża u cioe minn Settembru 2016. Il-manteniment iffissat ikopri wkoll l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni tal-minuri u jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja.

Il-pagamenti mensili jistgħu jittieħdu direttament minn kwalsiasi introjtu minimu li l-konvenut jista' jipperċepixxi sakemm għadu l-ħabs (jekk inhuwa l-każ), jew jinqata' direttament minn kwalsiasi benefiċċju li jista' jkun qed jipperċepixxi l-konvenut.

Il-konvenut jibqa' jħallas il-manteniment ta' uliedu lill-attriċi sakemm kull wieħed mill-minuri jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Iżda fl-eventwalita` li ulied il-partijiet jibqgħu jistudjaw, fuq bażi *full-time*, wara li jilħqu l-eta` maġġorenni, il-

manteniment għandu jibqa’ jitħallas sakemm huma jagħlqu l-eta` ta’ tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemmu l-istudji tagħhom, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel.

Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż *children’s allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attriċi.

## DEĊIDE

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa’ limitatament it-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement:

1. Tilqa’ l-ewwel talba tal-attriċi u tiddikjara li l-kura u l-kustodja tal-minuri F u G aħwa D qed tiġi fdata unikament u esklussivament f’idejn ommhom, ir-rikorrenti A B;

2. Tiddisponi mit-tieni, it-tielet, ir-raba’ u l-ħames talba billi:

    a. takkorda favur il-konvenut aċċess ta’ darba fil-ġimgħa ta’ sagħtejn, liema aċċess isir taħt is-superviżjoni tal-Ħaddiema Soċjali / Supervisors fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ, u li għalhekk isir skont l-eżiġenzi tal-istess Aġenzija b’konsiderazzjoni wkoll tal-attivitajiet tal-minuri.

    b. takkorda wkoll aċċess tal-minuri favur in-nanna paterna Mary D kull nhar ta’ Ħamis bejn il-ħamsa ta’ filgħaxija (5.00pm) u s-sebgħa ta’ filgħaxija (7.00pm).

3. Tilqa’ s-sitt talba tal-attriċi billi tordna illi ż-żewġ minuri għandu jkollhom passaporti separati għalihom u l-attriċi tkun tista’ weħidha u mingħajr il-ħtieġa tal-kunsens tal-konvenut u/jew l-approvazzjoni ulterjuri tal-Qorti, tottjeni l-ħruġ u/jew it-tiġdid tal-istess passaporti t’uliedha, liema passaporti jinżammu fil-pussess tagħha;

4. Tiddisponi mis-seba', t-tmien, id-disa' u l-għaxar talba tal-attriċi billi tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi is-somma ta' sittin Ewro (€60) fix-xahar għal kull wieħed mill-minuri, rappreżentanti manteniment għall-istess minuri, li jkopri wkoll l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni tagħhom. Il-manteniment jitħallas b'effett mid-data tal-preżentata tal-kawża u cioe minn Settembru 2016. Il-manteniment iffissat jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja. Il-pagamenti mensili jistgħu jittieħdu direttament minn kwalsiasi introjtu minimu li l-konvenut jista' jipperċepixxi sakemm għadu l-ħabs (jekk inhuwa l-każ), jew jinqata' direttament minn kwalsiasi benefiċċju li jista' jkun qed jipperċepixxi l-konvenut. Il-konvenut jibqa' jħallas il-manteniment t'uliedu lill-attriċi sakemm kull wieħed mill-minuri jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena.  Iżda fl-eventwalita` li ulied il-partijiet jibqgħu jistudjaw, fuq bażi *full-time*, wara li jilħqu l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm huma jagħlqu l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemmu l-istudji tagħhom, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż *children's allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attriċi.

Bl-ispejjeż ikunu sopportati mill-konvenut.